MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 70/2002/1

**Victor Sultana**

**vs**

**Mary Anne Hili**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Mejju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tlett liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm203.92) prevja li l-konvenuta tigi dikjarata responsabbli ghall-incident stradali li gara fil-15 ta' Ottubru, 2000, fi Triq l-Arcisqof Pace kantuniera ma' Triq Borg Olivier, Victoria, Ghawdex, bejn il-Mitsubishi Lancer EAX-987 misjuqa mill-konvenuta, u Peugeot 205 misjuqa mill-attur numru CAB-957, u dan minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta, u konsegwentement ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur id-danni sofferti

minnu fis-somma ta’ mitejn u tlett liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm203.92);
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja mibghuta lill-konvenuta fil-21 ta’ Marzu, 2002, kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta` assikuratrici tal-konvenuta, u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz sad-data tal-hlas effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fid-19 ta’ Gunju, 2002, fejn intqal:
i. illi l-incident in kwistjoni gara tort u htija ta’ l-istess attur li huwa unikament responsabbli ghall-incident;
ii. illi mill-iskizz tal-pulizija jidher car illi l-attur kien mghobbi bil-piz ta’ speed eccessiv fi triq principali meta l-arterja l-ohra principali u cioe` triq ir-Repubblika kienet maghluqa ghat-traffiku;
iii. illi l-istess attur halla mhux anqas minn 37.1 metri brake marks u mal-habta intefa lura. Illi kif jidher mill-istess skizz tal-pulizija, il-konvenuta kienet diga’ dahlet fi Triq Borg Olivier, Rabat, Ghawdex, meta saret il-habta;
Illi ghalhekk il-konvenuta mhijiex responsabbli ghall-incident “de quo”.
Ra l-kontro-talba prezentata mar-risposta fejn intalab il-hlas ta’ erba’ mija u tmienja u disghin lira Maltija (Lm498.00), u fejn intqal illi l-incident in kwistjoni gara tort u htija ta’ l-istess attur minhabba l-ispeed eccessiv u perikoluz li bih kien qed isuq il-vettura tat-tip Peugeot (numru ta’ registrazzjoni CAB-957) f’”built up area” minghajr lanqas ma zamm “a proper lookout” tal-vettura quddiemu bir-rizultat li ikkaguna l-istess incident.

Ra r-risposta ghall-kontro-talba prezentata fl-10 ta’ Lulju, 2002, fejn intqal illi it-talbiet tal-konvenuta ghandhom jigu michuda fid-dritt u fil-fatt, u dan ghaliex fl-ewwel lok, ma hux minnu illi hu kien ghaddej b’velocita` eccessiva li kienet il-kawza ta’ l-incident, u fit-tieni lok l-incident sehh tort tal-konvenuta li qabdet u harget minn fuq stop sign minghajr ma tat kaz tat-traffiku li kien gej fuq il-karreggjata principali, b’mod illi ostakolat lill-attur, u hekk irrizultat il-habta. Veru illi hi harget ghal fuq Triq Borg Olivier, pero` b’dan il-mod ostakolat il-karreggjata ta’ l-attur. B’hekk marret kontra r-regola tat-traffiku “do not carry out any

manoeuvre even with the use of signals which may force other traffic to slow down or slow abruptly". Il-fatt li hi harget u saret il-habta huwa l-aqwa sinjal illi bil-manuvra taghha gaghlet lill-haddiehor li kien ghaddej fuq il-karreggjata principali jipprova jwaqqaf f'daqqa;
Ghaldaqstant it-talbiet tal-konvenuta ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta.

Semgha x-xhieda ta' Marvin Sultana, Victor Sultana, Claire Refalo, Roslin Buhagiar, Jodie Cutajar, Dr. Chris Said, Antonella Camilleri, Mary Anne Hili, PC1005 Mario Cordina. Ra n-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-attur u dik prezentata mill-konvenuta. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:
1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fil-15 ta' Ottubru, 2000, fi Triq l-Arcisqof Pace kantuniera ma' Triq Borg Olivier, Victoria, Ghawdex, bejn il-vettura Peugeot 205 numru ta' registrazzjoni CAB-957 misjuqa mill-attur, u l-vettura Mitsubishi Lancer numru ta' registrazzjoni EAX-987 misjuqa mill-konvenuta. F'din il-kawza saret kontro-talba.
2. L-attur Victor Sultana, jghid li fil-vettura mieghu kien hemm Marvin Sultana fuq quddiem, Jodie Cutajar, Claire Refalo u Roslin Buhagiar riekbin wara. Hu jghid li kien niezel ghall-affari tieghu meta l-konvenuta qabdet u qasmet. In kontro-ezami qal li din kienet ghada qed tibda taqsam ghall gol-karreggjata minn fejn kien gej hu. Skond l-attur hu kien ghaddej b'40kfs. Meta raha jghid li ghafas il-« brake » pero ma waqafx fil-hin. L-attur ma kienx car dwar jekk x'hin ratu, il-konvenuta waqfitx jew le. It-Tribunal innota li l-attur qed jikkontesta li kien hemm 37.1metri brake marks, anzi jghid li dawk il-brake marks ma kienux tal-vettura tieghu. L-attur lanqas ma jaqbel dwar kif inhi indikata il-vettura tal-konvenuta fl-iskizz, fis-sens li jghid li din kienet aktar lura. Skond l-attur kien biss ftit metri l-boghod mill-konvenuta meta ghafas il-brake, u poggiha fuq engine brake wkoll. Dwar l-engine brake it-Tribunal innota li x-xhud ma kienx car dwar fuq liema gear poggiha. L-attur jammetti li ma rnexxilux jieqaf fil-hin ghalkemm skond ma jghid hu kien gahddej b'40kfs. L-

attur ma deherlux li kien hemm twerziq ta' brakes. It-Tribunal innota wkoll li l-attur jallega li pprova jattira l-attenzjoni tal-pulizija ghall-certi fatti, pero` dan kien sikktu.

3. Marvin Sultana, passiggier fuq quddiem fil-vettura tal-attur, jghid li kienu ghaddejjin bil-mod, u kienu qorbu lejn il-post minn fejn harget il-konvenuta, meta din harget f'salt, u skond hu l-attur ma kellux cans jorbot brake. It-Tribunal innota li x-xhud fil-kontro-ezami ma kien car xejn dwar jekk fil-fatt l-attur kienx ghafas il-brake jew le. F'waqt minnhom jghid li l-attur ghafas brake, f'waqt iehor jghid li naqqas billi ma ghafasx l-acceleratur. Ix-xhud inoltre jghid li wasal ghall-konkluzjoni li l-attur ma kienx qed jaghfas l-acceleratur peress li sema' l-magna tirrejzja. Ikkontradica ruhu u qal li fil-fatt l-attur naqqas u ghafas brake. It-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li dan ix-xhud ma hux kredibbli u dana deher bic-car fil-kontro-ezami, u konsegwentement it-Tribunal ma jhossx li jista' jaghti ebda affidabilita` ghall-dak li qal ix-xhud.

4. Claire Refalo li kienet ukoll passiggiera fil-vettura tal-attur, fin-nofs fuq wara, tghid li l-attur kien ghaddej b'velocita` normali, tghid li raw lill-konvenuta tikser u li baqghet gejja, u li ghalhekk l-attur zamm brake meta kien xi tul ta' karrozza l-boghod mill-konvenuta.

5. Roslin Buhagiar tghid li kienu ghaddejjin normali u li l-karrozza l-ohra ma rahtiex qabel il-habta. Ziedet tghid ukoll illi brakes ma semghatx u lanqas ma taf jekk zammx brake.

6. Jodie Cutajar passiggiera ohra fil-vettura ta' l-attur, tghid li l-attur qal li l-brake marks ma kienux tieghu. Tghid li bhala brakes ta' l-attur rat qisu tul nofs ta' Awla. Tiftakar li dakinhar kienet ix-xita, pero` ma tafx jekk l-art kienetx niedja.

7. Dr. Chris Said, li ghandu l-ufficju vicin ta' fejn gara l-incident, xehed li dakinhar tal-incident sema' hoss ta' brakes u l-kollizzjoni. Ix-xhud mmarka l-ufficju tieghu bin-numru "1" fl-isketch Dok.VS3, u innota li dan jigi xi tletin/erbghin metru l-boghod minn fejn hemm il-"Baby Lane Shop" immarkat. Rilevanti dak li qal ix-xhud: "….li niftakar li smajt hoss ta' brakes ta' karrozza niezla minn quddiem l-ufficcju." Rilevanti ukoll meta jghid dwar il-brakes li: "twerziqa kbira li hadet certu hin…"

8. Mary Anne Hili l-konvenuta xehdet illi meta gara l-incident kienet ghalqet tlett snin issuq. Spjegat li l-incident gara l-Hadd wara nofs inhar u kien hemm hafna karozzi telghin Triq l-Isqof Pace bil-mod. Spjegat illi bdiet taqsam ghal go Borg Olivier Street bil-mod, u meta qabdet Borg Olivier Street semghet hafna twerzieq ta' tyres u rat lill-attur gej sparat ghal fuqha. Spjegat ukoll li bid-daqqa l-karozza taghha giet mas-*centre strip* u kellhom johorgu mill-bieba ta' wara. Ix-xhud spjegat illi kien hemm *brake marks* li kienu jidhru friski u twal hafna. Il-konvenuta spjegat ukoll li meta ratu gej sparat ghal fuqha pruvat taghfas il-gas biex tevitah, pero' kienet ghadha fuq l-ewwel gear u ma rnexxilhiex tevitah. Hi qalet li bhala konsegwenza ta' l-incident kellha hames mitt lira (Lm500.00) hsara. Kellha l-hsara fuq iz-zewg bibien tan-naha tal-passiggier u l-bieba taghha. Il-konvenuta tikkonferma li bhala danni kellha mija u tmenin lira (Lm180.00) tal-panel beater, tlett liri (Lm3.00) sketch, tlett liri (Lm3.00) ohra ghal sketch iehor u tlett mija u tnax-il lira (Lm312.00) ghall-parts. Ix-xhud ikkonfermat ir-ricevuti esebiti.

9. Antonella Camilleri, oht il-konvenuta li kienet passiggiera maghha fuq quddiem tikkonferma li semghet il-brejkijiet qawwijin hafna u li bid-daqqa spiccaw fis-centre strip. Skond ix-xhud l-attur kien gej iserrep u bla kontroll u meta habtu huma kienu gia kisru.

10. PC 1005 Mario Cordina li kien mar fuq il-post ta' l-incident flimkien ma' PC 301 Carmel Saliba, jikkonferma li l-vettura ta' l-attur kellha brake marks twal 37.1metri.

11. Huwa ferm evidenti illi la l-attur, u lanqas ix-xhieda kollha li gab li kienu fil-vettura mieghu ma huma kredibbli. Jirrizulta ampjament illi l-passiggiera li kien hemm mieghu kienu bic-car intenzjonati li jkopru l-eghmil ta' l-attur minflok ma jixhdu l-verita' kif kienu obbligati li jaghmlu. L-iktar haga lampanti rrizultat mill-fatt illi l-attur fil-fatt zamm brake, u brake qawwi tant li halla marki twal 37.1 metri. In oltre l-brake kien tali illi nstema' l-hoss tieghu mill-ufficcju ta' Dr Chris Said. It-Tribunal qed ipoggi hafna affidabilita' fuq dan l-ahhar xhud, li huwa xhud indipendenti. Qed ipoggi wkoll hafna affidabilita' fuq dak li xehed il-pulizija u fuq il-fatt illi l-brake marks indikati rrizultaw. Ma hux minnu, u ma jista' jigi b'ebda mod accettat dak li qed ighid

l-attur li l-brake marks ma ghamilhomx hu, kif ukoll lanqas ma huwa kredibbli l-istess attur li jallega li kien ghaddej b'erbghin kilometru fis-siegha (40 k.f.s.) biss, ghaliex mill-marki imhollijin definittivament kien ghaddej b'velocita` eccessiva ghall-lok li kien fih.

12. Dak li ntqal fil-paragrafu precedenti huwa determinanti ghas-soluzzjoni ta' dan il-kaz. Jirrizulta li l-attur kien qed isuq vettura ghan-nizla u li kien ghaddej b'tant velocita' illi meta l-konvenuta kienet qed timmanuvra biex tidhol go Borg Olivier Street, ghalkemm dan kien ghadu l-boghod minnha ma setghax jikkontrolla aktar il-vettura, u ma setghax iwaqqaf fil-hin. Il-velocita' tirrizulta mhux biss mill-brake marks li halla, izda wkoll mill-impatt li segwa illi bih tefa' l-vettura tal-konvenuta ghal fuq is-centre strip. Apparti minn dan ma hemmx dubbju illi l-attur lanqas ma kien qed izomm *a proper look out*.

13. Tenut kont ta' dan ma hemmx dubbju illi l-konvenuta ma ghandha ebda tort ghall-incident li sehh u li t-tort kollu kien ta' l-attur li ma uzax id-debita diligenza u li saq b'velocita' ecccessiva jekk mhux addirittura perikoluza ghal lok li fih kien qed isuq, u cioe' fl-abitat u ghan-nizla.

14. Bhala danni jirrizulta li l-konvenuta kellha erba' mija tmienja u disghin lira (Lm498.00).

Ghaldaqstant it-Tribunal isib lill-attur unikament responsabbli ghall-incident li sehh u konsegwentement qed jichad it-talba attrici, filwaqt li qed jilqa' l-kontro talba tal-konvenuta, u jikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta s-somma ta' erba' mija tmienja u disghin lira (Lm498.00).

L-ispejjez tat-talba u tal-kontro-talba ghandhom jigu sopportati nterament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------